



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0116(NLE)

10316/24
ADD 1

AVIATION 89
ICAO 19
RELEX 707

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-ICAO rigward l-adozzjoni ta' Anness IV, dwar il-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika u l-appoġġ għall-implimentazzjoni, tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-ICAO

ta' ...

**rigward l-adozzjoni ta' Anness IV, dwar il-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika
u l-appoġġ għall-implimentazzjoni, tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali
li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa**

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-ICAO,

Wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa (il-
"Memorandum ta' Kooperazzjoni"), li daħal fis-seħħ fid-29 ta' Marzu 2012, u b'mod partikolari l-
Artikolu 7.3(c) tiegħu,

Billi jixraq li jiġi inkluż Anness dwar il-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika u l-appoġġ għall-implimentazzjoni fil-Memorandum ta' Kooperazzjoni, fl-oqsma koperti mill-Memorandum ta' Kooperazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness ta' din id-Deċiżjoni huwa b'dan adottat, u għandu jiffirma parti integrali mill-Memorandum ta' Kooperazzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kumitat Konġunt UE-ICAO

Il-Presidenti

Għall-Unjoni Ewropea

*Għall-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni
Ċivili Internazzjonali*

ANNEX

ANNEX IV tal-MtK

BINI TAL-KAPAĊITAJIET, ASSISTENZA TEKNIKA U APPOĠĠ GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI

1. OBJETTIVI

- 1.1 Il-partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-forniment tal-bini tal-kapaċitajiet tal-avjazzjoni, tal-assistenza teknika u tal-appoġġ għall-implimentazzjoni, soġġett għall-politiki u għad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Partijiet, bil-ħsieb li jappoġġaw il-ksib tal-Objettivi Strateġiċi tal-ICAO globalment fl-oqsma li jaqgħu taħt il-qafas tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni (MtK) bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa, li daħal fis-seħħ fid-29 ta' Marzu 2012, u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 7.3(c) tiegħu.
- 1.2 Filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol tal-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika u l-appoġġ għall-implimentazzjoni fil-ksib tal-Objettivi Strateġiċi tal-ICAO globalment u fl-iżgurar tal-konformità globali mal-Istandards u mal-Prattiki Rakkomandati (SARPs) tal-ICAO, il-Partijiet jaqblu li jiskambjaw l-informazzjoni dwar l-attivitajiet rispettivi tagħhom fir-rigward tal-bini tal-kapaċitajiet, tal-assistenza teknika u tal-appoġġ għall-implimentazzjoni bil-ħsieb li jidentifikaw is-sinerġiji u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni possibbli.

2. AMBITU

2.1 Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi speċifikati fil-paragrafi 1.1 u 1.2, u b'mod komplementari għall-kooperazzjoni stabbilita skont l-Annessi I, II u III tal-MtK, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fl-oqsma li ġejjin:

- L-istabbiliment ta' djalogu regolari dwar l-attivitajiet b'rabta mal-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika u l-appoġġ għall-implimentazzjoni, inkluż attivitajiet ta' taħriġ, fl-oqsma koperti mill-MtK UE-ICAO, bil-ħsieb li jinkisbu sinerġiji u, meta jkun xieraq, bil-ħsieb li jiġu kkoordinati dawk l-attivitajiet;
- L-appoġġ u l-iffaċilitar tal-forniment tal-attivitajiet tal-Partijiet b'rabta mal-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika u l-appoġġ għall-implimentazzjoni, inkluż:
 - permezz tat-twettiq, meta jkun xieraq, ta' attivitajiet konġunti b'rabta mal-bini tal-kapaċitajiet, l-iżvilupp tal-assistenza teknika u l-appoġġ għall-implimentazzjoni;
 - permezz tal-forniment ta' esperti fil-qasam u kwalunkwe appoġġ ieħor in natura, kif ikun xieraq;
 - permezz tal-iżvilupp u tat-twassil ta' prodotti tal-bini tal-kapaċitajiet, tal-iżvilupp tal-assistenza teknika u tal-appoġġ għall-implimentazzjoni, u ta' taħriġ;
 - permezz tal-parteciġazzjoni fi proġetti tekniċi, meta jitqies li jkun xieraq.
- Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali;
- Il-promozzjoni tal-attivitajiet tal-Partijiet rispettivi kif ikun xieraq, inkluż permezz tal-forniment ta' informazzjoni lill-korpi rilevanti tal-Partijiet dwar l-attivitajiet imwettqa.

3. IMPLIMENTAZZJONI

3.1 Kif previst fl-Artikoli 3.3 u 4.1(a) tal-MtK, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma, kif meħtieġ, biex jimplimentaw b'mod effettiv l-attivitajiet ta' kooperazzjoni speċifikati fl-Artikoli 2.1. u 5 ta' dan l-Anness. Dawn l-arranġamenti ta' ħidma għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 7.3(c) tal-MtK.

4. DJALOGU

4.1 Il-Partijiet għandhom jiltaqgħu mill-inqas darba fis-sena, fil-livell tad-Direttur tal-ICAO tal-Uffiċċju tal-Appoġġ għall-Iżvilupp u l-Implimentazzjoni tal-Kapaċità, bl-assistenza ta' Diretturi oħra tal-ICAO kif ikun xieraq, u tar-Rappreżentant tal-Unjoni Ewropea għall-ICAO, assistit mir-Rappreżentant tal-EASA u mis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea kif ikun xieraq, u jirrapportaw lura dwar dawk l-iskambji lil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt UE-ICAO. Ir-Rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE fuq il-Kunsill tal-ICAO u entitajiet oħra jistgħu jiġu mistiedna jattendu dan id-djalogu.

4.2 Matul id-djalogu msemmi fil-paragrafu 4.1, il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar l-attivitajiet rispettivi tagħhom b'rabta mal-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika u l-appoġġ għall-implimentazzjoni fl-oqsma koperti mill-MtK UE-ICAO, u jidentifikaw is-sinerġiji possibbli u, meta jkun xieraq, ifittxu li jikkoordinaw l-attivitajiet rispettivi tagħhom kif spjegat fl-Artikolu 5.

4.3 Id-djalogu msemmi fil-paragrafu 4.2 għandu jkun ikkomplementat, mill-inqas darba kull tliet xhur, bi skambju fil-livell tekniku fil-livell ta' punti ta' kuntatt li għandhom jiġu ddeżinjati minn kull parti.

5. APPOĠĠ U FAĊILITAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET

- 5.1 Il-Partijiet jaqblu, inkluż bħala riżultat tad-Djalogu msemmi fl-Artikolu 4, li jappoġġaw u li jiffaċilitaw il-forniment tal-attivitajiet tal-Partijiet b'rabta mal-bini tal-kapaċitajiet, l-iżvilupp tal-assistenza teknika u l-appoġġ għall-implimentazzjoni.
- 5.2 Meta jkun xieraq, jistgħu jitwettqu attivitajiet konġunti b'rabta mal-bini tal-kapaċitajiet, l-iżvilupp tal-assistenza teknika u l-appoġġ għall-implimentazzjoni.
- 5.3 Dan l-appoġġ jista' jieħu l-forma ta' forniment ta' esperti fil-qasam b'għarfien espert tekniku ppruvat f'oqsma rilevanti.
- 5.4 Dan l-appoġġ jista' jieħu wkoll il-forma tal-iżvilupp u tat-twassil ta' prodotti tal-bini tal-kapaċitajiet, tal-iżvilupp tal-assistenza teknika u tal-appoġġ għall-implimentazzjoni, tat-taħriġ, u tal-parteċipazzjoni fi proġetti tekniċi, meta jitqies li jkun xieraq.
- 5.5 Dan l-appoġġ għandu jinkludi, kif ikun xieraq, kooperazzjoni fuq il-post bejn l-Uffiċċji Reġjonali tal-ICAO rilevanti u t-timijiet mibgħuta bħala parti mill-attivitajiet iffinanzjati mill-UE b'rabta mal-bini tal-kapaċitajiet, l-iżvilupp tal-assistenza teknika jew tal-appoġġ għall-implimentazzjoni.
- 5.6 L-użu tal-logos rispettivi għandu jitqies meta jkun pertinenti għall-attività, soġġett għar-regoli u għall-proċeduri ta' kull parti.

6. KOOPERAZZJONI REĠJONALI

6.1 Fl-attivitajiet tagħhom li għandhom l-għan li jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-SARPs tal-ICAO, il-Partijiet għandhom jagħtu prijorità lill-approċċi reġjonali li joffru opportunitajiet għal titjib fil-proċessi tal-kosteffiċjenza, tas-sorveljanza u/jew tal-istandardizzazzjoni.

7. PROMOZZJONI TAL-ATTIVITAJIET

7.1 Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-attivitajiet rispettivi tagħhom kif ikun xieraq. Dan jista' jinkludi b'mod partikolari l-forniment ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet imwettqa fl-applikazzjoni ta' dan l-Anness lill-korpi rilevanti tagħhom bħall-Kunsill tal-ICAO, il-maniġment rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea jew il-korpi rilevanti tal-EASA.

8. RIEŻAMI

8.1 Il-Partijiet għandhom jirrieżaminaw l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness fuq bażi regolari u jikkunsidraw kwalunkwe żvilupp rilevanti fil-politiki jew żvilupp regolatorju rilevanti, skont il-bżonn.

8.2 Kwalunkwe reviżjoni ta' dan l-Anness għandha tiġi approvata mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 7 ta' dan l-MtK.

9. DĦUL FIS-SEĦĦ, EMENDI U TERMINAZZJONI

9.1 Dan l-Anness għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni mill-Kumitat Konġunt u għandu jibqa' fis-seħħ sa ma jiġi terminat. It-terminazzjoni mhix ser taffettwa l-implimentazzjoni tal-attivitajiet li jkunu għaddejjin għajr jekk ma jiġix miftiehem mod ieħor mill-Partijiet.

- 9.2 L-arranġamenti ta' ħidma miftiehma skont dan l-Anness għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni mill-Kumitat Konġunt.
- 9.3 Kwalunkwe emenda jew terminazzjoni tal-arranġamenti ta' ħidma adottati skont dan l-Anness għandhom jiġu miftiehma fi ħdan il-Kumitat Konġunt.
- 9.4 Kull Parti tista' tittermina dan l-Anness fi kwalunkwe waqt. Tali terminazzjoni għandha tkun effettiva sitt xhur wara li parti tasliha notifika bil-miktub tat-terminazzjoni mingħand il-parti l-oħra, għajr jekk tali notifika ta' terminazzjoni tkun ġiet irtirata bil-kunsens reċiproku tal-Partijiet qabel ma jkun skada l-perjodu ta' sitt xhur.
- 9.5 Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Artikolu, jekk l-MtK jiġi terminat, dan l-Anness u kwalunkwe arranġament ta' ħidma adottat skontu għandhom jiġu terminati fl-istess waqt.
-